# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru. 435

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

General Workers Union
ghan-nom ta' Connie Mizzi

u

E. Delicata & Co. Ltd
(Lachryma Vitis)

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Chairman: Dr. Richard Camilleri LL.M. (Lond), LL.D.

Permezz ta' ittra tas-17 ta' Gunju, 1987, it-Tribunal gie mitlub li jaghti parir skond l-artiklu 27 (4) tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali dwar jekk din il-kwistjoni taqax fiz-zmien preskritt, mill-artikolu 28(3) tal-Att u f'kaz li ma taqax fi zmien preskritt it-Tribunal gie mitlub biex jiehu l-passi kollha mehtiega skond it-Taqsima III tal-Att biex il-kwistjoni tinstema u tigi deciza.

It-Tribunal, skond kif gie mitlub, irrestringa l-'konsiderazzjonijiet' tieghu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 28(3) tal-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (il-quddiem imsejjah "l-Att") liema artikolu jiddisponi li kull talba bil-miktub lill-Ministru ghall-Politika Socjali biex jirreferi l-kaz dwar tkeccija mill-impieg lit-Tribunal, "ghandhom isiru lill-Ministru mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tat-tkeccija".

M'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti saljenti tal-kaz. Infatti, l-partijiet, b'verbal fis-seduta tal-15 ta' April, 1988 qablu:

(1) illi d-data effettiva tat-tkeccija tal-appellanta kien il-25 ta' Frar, 1986.

(2) illi t-talba lill-Ministru biex jirreferi l-kaz lit-Tribunal saret permezz ta' ittra mibghuta mill-General Workers Union ghan-nom tal-Appellanta li hi datata l-25 ta' Mejju, 1987.

.../2

L-artikolu 28(3) gie ntrodott fl-Att permezz tal-Att numru XXIII ta' l-1986 li gie mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta tat-18 ta' Gunju, 1986, inghata l-kunsens tal-President fl-24 ta' Gunju, 1986 u gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-istess data. L-appellanta, ghalhekk tkecciet qabel ma gie introdott dan l-artiklu. L-Att XXIII ta' l-1986 pero', hasel ghal-eventwalita bhal din u permezz tal-Artikolu 4 iddispona illi "l-perjodu ta' erba xhur indikat fl-artikolu 2 ta' dan l-Att ghandu ghar-rigward ta' xi tkeccija li saret effettiva qabel ma beda jsehh dan l-Att, jibda ghaddej mill-jum minn meta jidhol fis-sehh dan l-Att". Ghaldaqstant fil-kaz prezenti iz-zmien ta' erba' xhur beda ghaddej mill-24 ta' Gunju, 1986.

It-talba tal-appellanta lill-Ministru, kif intqal qabel, saret permezz ta' ittra datata l-25 ta' Mejju, 1987 u cioe' ferm aktar tard mill-erba' xhur preskritti mill-ligi.

Il-General Workers' Union ghan-nom tal-appellanta ssottomettew illi z-zmien ta' "preskrizzjoni" gie interrot meta l-Kumpanija appellata offriet kumpens fi flus lill-appellanta u f'kull kaz damu ma ibdew il-proceduri quddiem it-Tribunal ghaliex hemm proceduri kriminali pendenti in konnessjoni ma dan il-kaz.

L-ewwel nett irid jigi accertat jekk it-terminu msemmi fl-artikolu 28(3) huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew inkella huwiex terminu ta' dekadenza. Fl-ewwel ipotesi ghandhom japplikaw ir-regoli kollha ta' preskrizzjoni inkluzi dawk li jirrigwardaw l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Fit-tieni ipotesi ghandu jigi accertat biss l-iskadenza tat-terminu.

It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi t-terminu huwa wiehed ta' dekadenza ghal dawn ir-ragunijiet:

1. Il-ligi ma tuzax il-kelma "preskrizzjoni" u bhala regola dan ifisser li t-terminu huwa ta' dekadenza (ara Gauci et vs Galizia Vol. XXIX. ii 976). Il-kliem uzati mill-ligi huma cari u fis-sens li t-talba ma tistax issir aktar tard mill-erba' xhur.

2. L-intenzjoni tal-legislatur meta ghaddiet il-ligi fil-parlament, kif espressa meta kien qed jigi diskuss l-abbozz relattiv kien li t-terminu ghandu jkun wiehed ta' dekadenza. Infatti fl-abbozz, it-terminu propost kien dak ta' tlett xhur u z-zmien gie estiz fl-istadju tal-kumitat precizament minhabba l-biza li jekk it-trattativi ta' rikonciljazzjoni jitwalu il-haddiem jista' jitlef id-dritt tieghu li jgib il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal. Il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, kien ikkummenta: "Nixtieq nigbed l-attenzjoni tal-kumitat illi meta jkun hemm dan il-perjodu .... hadd m'ghandu ghalfejn jigi pregudikat ghaliex il-haddiem, l-impjegat li jara li se jghaddi l-perjodu miftiehem, jekk dak imfisser fil-ligi, minghajr ma jkun ha sodisfazzjon, kullma jrid huwa mhux li jqabbad avukat lanqas iqabbad xejn, jikteb lill-Ministru, semplici daqshekk, biex jitolbu li l-kaz jigi riferut lit-Tribunal Industrijali. Jekk il-prekawzjoni tittiehed imbaghad jista jittiehed kemm irid zmien biex il-partijiet jirrangaw...".

Anke f'kaz li t-terminu huwa wiehed ta' preskrizzjoni ma jidhirx li kien hemm xi interruzzjoni skond kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant il-parir tat-Tribunal huwa li din il-kwistjoni taqa' fiz-zmien preskritt mill-artiklu 28(3) tal-Att u konsegwentament mhux se jkompli jiehu passi ohra.

Dr. Richard Camilleri
LL.M. (Lond) LL.M.
29/4/86

A. Testone
Segretarju

/ms